# DOI Press Release on World IBD Day

**No. 0903**

**Press Releases**

**DISKORS TAL-ONOR. JOE CASSAR, MINISTRU TAS-SAHHA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITA`, WAQT L-*IBD AWARENESS ACTIVITY* – SPTAR MATER DEI – IT-TLIETA, 18 TA' MEJJU 2010**

Id-19 ta' Mejju huwa l-jum dinji tal-IBD – *Inflammable Bowel Disease*. Biex jitfakkar dan il-jum, il-*Malta Association of Crohn's and Colitis* (MACC) organizzat kampanja estensiva sabiex ikun hawn aktar kuxjenza dwar din il-kundizzjoni.

Il-membri tal-MACC huma familji ta' tfal li ghandhom il-kundizzjoni tal-IBD (fosthom *Crohn's Disease* u *Ulcerative Colitis*), adoloxxenti u adulti. L-MACC huwa forum li permezz tieghu l-membri jiddiskutu l-problemi li jiltaqghu maghhom fil-hajja ta' kuljum.

L- *Inflammable Bowel Disease* hija kundizzjoni kronika marbuta ma' zewg fatturi importanti, il-genetika u l-istil ta' hajja li nghixu, specjalment l-ikel li nieklu. Ghalkemm mhux facli li wiehed jifhem ezatt il-kawza tal-bidu ta' din il-kundizzjoni, jidher li hemm rabta wkoll ma' liema parti tal-imsaren jigu affettwati.

Fit-tfal, huwa kkalkulat li tifel jew tifla minn kull 80,000 ghandhom din il-kundizzjoni. L-ahhar statistika li ghandna turi li f'pajjizna hemm madwar 1,100 kaz. Dan l-ahhar fl-Isptar Mater Dei kien hemm titjieb konsiderevoli fis-servizzi tad-*Day Care Unit* tat-tfal. Dan ifisser li tfal li ghandhom l-IBD issa jistghu jgawdu minn servizz multi dixxiplinarju f'ambjent iktar kalm u trankwill.

Nixtieq niehu din l-opportunita` biex nirringrazzja lit-tim ta' tobba, infermiera, *dieticians* u specjalisti diversi li qed jahdmu hafna biex itejjbu l-kwalita` tal-hajja ta' dawn il-pazjenti.

Il-prezenza tal-*media* f'din l-okkazjoni hija importanti hafna ghaliex hafna drabi l-IBD hija marbuta wkoll ma' nuqqas ta' informazzjoni. Nixtieq, pero`, nirringrazzja lill-*media* Maltija ta' kemm hija disponibbli lejn l-MACC u l-kundizzjoni tal-IBD. Xorta wahda ghandna nibqghu nisqhu fuq aktar gharfien ghaliex dijanjozi tal-IBD kmieni tfisser li persuna tista' tghix ahjar bill-kundizzjoni li tibqa' biha tul il-hajja.

**DOI – 18.05.2010**